# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 755/2013 MH**

**Illum, 15 ta' Novembru, 2019**

**Ivan Attard (K.I. Nru 22277 M)**

**vs**

**Kenneth Micallef (K.I. Nru 177787 M)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat ta' l-attur Ivan Attard tas-6 ta' Awwissu 2013** li permezz tiegħu espona:

*1. “Illi l-esponent ġie aggredit u msawwat mill- konvenut nhar is-17 ta’ Frar 2013 ġewwa l-każin Laburista, Triq San Pawl, Rabat (Malta) tant tilli anke spiċċa fil-periklu illi jitlef ħajtu a kawża diretta ta’ din l-aggressjoni;*

*2. illi sussegwentement u ċioe nhar il-21 ta’ Frar 2013 il-Pulizija Eżekuttiva ressqet lill-konvenut taħt arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja akkużat inter alia bl-attentat ta’ qtil tar-rikorrent;*

*3. Illi a kawża ta’ l-aggressjoni tal-konvenut, ir-rikorrent sofra diżabilita’ ta’ natura permanenti fuq persuntu;*

*4. Illi l-konvenut ġie nterpellat sabiex jersaq għall-likwidazzjoni ta’ danni iżda baqa’ inadempjenti.*

*Għaldaqstant l-esponent jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*i. Tiddikjara illi l-esponent sofra diżabilita’ personali ta’ natura permanenti a kawża ta’ l-aggressjoni tal-konvenut subita nhar 17 ta’ Frar 2013 fil-kazin Laburista, Triq San Pawl, Rabat (Malta)*

*ii. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur, okkorrendo bin-nomina ta’ periti nominandi;*

*iii. Tikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma hekk likwidata.*

*Bl-ispejjeż inkluż dawk ta' l-ittra uffiċċjali u bl-imgħax sad-data tal-pagament effettiv u l-konvenut inġunt in subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat.

Rat **ir-risposta ġuramentata ta' Kenneth Micallef tad-19 ta' Settembru 2013**[1] li permezz tagħha eċċepixxa:

1. *"Illi fl-ewwel lok u fil-mertu l-allegazzjonijiet dedotti fir-rikors promutur kif ukoll it-talbiet attriċi kontenuti fl-istess rikors huma kompletament infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess attur stante li mhux minnu li l-konvenut Kenneth Micallef ħebb għall-attur. Kuntrarjament, kien proprju l-attur li ħebb għall-konvenut li spiċċa vittma tal-aġir insensat tal-attur;*

2. *Illi sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-allegazzjonijiet kontenuti fl-istess rikors promutur kif ukoll it-talbiet attriċi huma kompletament infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kollha kontra l-istess attur stante li mhux biss mhux minnu li huwa l-intimat li kkaġunalu d-danni reklamati iżda kwalsiasi danni li ssubixxa l-attur huma frott tal-aġir abbusiv, illegali u rresponsabbli tiegħu fil-konfront tal-konvenut u ta' diversi nies oħra li kienu preżenti fil-każin Laburista tar-Rabat (Malta) dakinhar tas-17 ta' Frar 2013;*

3. *Illi l-intimat jaf b'dawn il-fatti personalment;*

4. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.*

[1] Fol 24

*Bl-ispejjeż kontra l-attur, li huwa minn issa stess inġunt in subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta ġuramentata.

Rat il-provi kollha mressqa mill-partijiet u n-Noti ta' Sottomissjonijiet skambjati bejniethom.

Rat ir-rapport tal-espert mediku mqabbad minnha Dr Anthony Galea Debono.

Rat li l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

L-attur intavola l-proċeduri odjerni sabiex jitlob il-ħlas ta' danni minnu sofferti wara li allegatament huwa ġie aggredit u msawwat mill-konvenut ġewwa l-każin Laburista tar-Rabat (Malta) fi Frar 2013, liema aġir ikkawżalu diżabilita' permanenti.

Minn naħa tiegħu l-konvenut jirrespinġi l-pretensjonjiet attriċi bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt u jirribatti li mhux talli huwa qatt ma ħebb għall-attur talli bil-kontra kien proprju l-attur li ħebb għalih. Għalhekk isostni li huwa m'għandux iwieġeb għad-danni.

**PROVI**

1. Xehed **l-attur Ivan Attard**[2] li qal li dakinhar tal-inċident huwa kien qiegħed ġewwa l-każin tal-Partit Laburista, ir-Rabat (Malta) flimkien ma' zijuh Alfio Attard u dik li kienet is-sieħba tiegħu fl-epoka bl-isem ta' Shirley, flimkien ma' xi nies oħrajn, kuġintu Raisa Attard, u s-sieħeb tagħha. Kienu qegħdin hemm il-Ħadd peress li kienu ltaqgħu ġewwa l-każin qabel attivita' tal-massa tal-Partit Laburista. Dakinhar tal-inċident kienu qegħdin ġewwa l-każin imsemmi jieħdu drink flimkien ma' membri tal-familja tiegħu u ħbieb.

Dwar il-ġlieda li nqalgħet l-attur qal li ftit li xejn jiftakar, madankollu jiftakar lill-konvenut Kenneth Micallef ma' xi nies oħra li kienu qegħdin jixorbu ħdejhom u għal parti kbita mill-ħin kienu qegħdin jitkellmu u jibagħtu x-xorb lil xulxin. Huwa ftakar li Shirley kienet qegħda ma' xi nisa oħra jiżfnu fuq parti elevata li kien hemm ġewwa l-bar u ġara li nqala' nċident bejn wieħed minn dawn il-persuni li kienu qegħdin jakkumpanjaw lill-grupp ta' Kenneth Micallef u zijuh Alfio Attard. L-attur reġa' tenna li dwar dak li ġara wara ftit li xejn jiftakar peress li ftit wara l-inċident, fejn irriżulta li qala' ħafna daqqiet ġo rasu, huwa mill-ewwel intilef kompletament minn sensih.

B'riżultat ta' dan l-inċident l-attur kien fil-periklu li jitlef ħajtu għal perjodu kosiderevoli peress li kellu *internal bleeding* f'rasu konsegwenza ta' numru ta' daqqiet li qala' ġo rasu mingħand Kenneth Micallef.

L-attur spjega wkoll dak li għadda minnu fix-xahrejn li dam l-isptar u spjega anke l-konsegwenzi li huwa għadu jbati minnhom sal-lum b'riżultat tad-daqqiet li qala' partikolarment dwar problemi bil-funzjoni tan-nervituri f'diversi partijiet ta' ġismu.

[2] Affidavit a fol 31 et seq

Qal ukoll li għal numru ta' snin qabel l-inċident huwa kien qiegħed jipprova jsib impjieg; madankollu huwa ma kellu ebda problemi mediċi jew fiżiċi li kienu jżommuh milli jaħdem u ma kien sofra ebda tip ta' nċident qabel.

Fuq ordni tal-Qorti, **l-attur xehed ukoll viva voce** quddiemha[3] u qal li waqt li kienu fil-każin laburista nhar is-17 ta' Frar 2013 ra lil zijuh ikollu argument ma' raġel ieħor. Mistoqsi mill-Qorti jekk zijuh kienx fis-sakra huwa wieġeb li kulħadd kien xi ftit. L-attur kompla jgħid li tnejn minn nies daru għal zijuh u rah jinżel mal-art. L-attur qam minn fuq is-sufan biex jgħinu jqum mill-art. Kien hemm DJ, ismu mhux mgħaruf li beda jgħajjat l-isem ta' Kenneth. Ma ftakarx jekk Kenneth ġiex minn warajh jew le iżda jaf li għollih 'il fuq lill-attur u ħabbtu mal-kaxxa tas-sigaretti u beda jtih bil-ponn ġo rasu. L-attur igħid li ntilef minn sensih. Huwa nsista li ma refa' subgħajh fuq ebda persuna, lanqas fuq Kenneth.

L-attur kompla jgħid li kien anke f'koma l-isptar. Qabel l-inċident huwa kien jaħdem għal rasu ma' missieru iżda wara l-mewt tiegħu kien bla xogħol u jieħu l-benefiċċji tas-servizzi soċjali.

L-attur imbagħad spjega lill-Qorti dwar l-istat attwali ta' saħħtu wara l-inċident.

Huwa kompla jgħid li lill-Kenneth Micallef qatt ma kien kellmu qabel, la qabel u lanqas wara dan l-inċident. Safejn jaf huwa, dakinhar tal-inċident meta safa' msawwat huwa ma kellu argumenti ma' ħadd. Skont ma' qallu zijuh Alfio, dan tal-aħħar kellu argument minħabba xi ħadd fil-każin li ta daqqa ta' spalla lis-sieħba tiegħu, zijuh qallu xi ħaġa, qallu biex joqgħod attent u nqala' l-argument. Qal ukoll li meta zijuh spiċċa mal-art kien hemm madwar 50-60 ruħ fil-każin. Reġa' qal li l-aħħar ħaġa li jiftakar hija persuna tħabbtu mal-kaxxa tas-sigaretti imma ma setax jgħid kienx Kenneth Micallef. Il-Pulizija lilu ressqu l-Qorti.

[3] Fol 37 et seq

Ftakar ukoll mumenti qiegħed mal-art u xi ħadd jgħid "ittihx iżjed, ittihx iżjed." Minn hemm ma ftakar xejn aktar.

In **kontro-eżami**[4] qal li jiftakar tnejn min-nies qegħdin fuq Alfio. Huwa qam biex jiġbru. Alfio kien mal-art. Ipprova jferraqhom minn fuqu. F'daqqa waħda sema' lil DJ jgħajjat b' laqam lil persuna. Hu qal li jaf li persuna qabdu minn dahru, u ħabbtu ma' kaxxa tas-sigaretti. Sa dak il-mument l-attur igħid li kien għadu ma rahliex wiċċha lil din il-persuna. Lanqas rah ġej għalih. Żid li danna qabdu minn wara għal għarrieda ukoll li tefgħu mal-art u beda jtih b' xi ħaġa. Ma kienx jaf igħid jekk kinux daqqiet ta' ponn jew b' oġġett ma jafx x' kellu f'idejh. Dak il-ħin l-attur intilef minn sensih. Lil Kenneth Micallef ma kienx jafu qabel l-inċident u dakinhar kien hemm ħafna nies fil-każin. Qal li ma jafx min kienet il-persuna li ħabbtitu fil-fatt mal-kaxxa tas-sigarretti. Igħid li jaf żgur hu li id-DJ li kien hemm f' din l-attivita' tal-każin tal-Labour kien beda jgħajjat laqam. L-attur ma jafx jekk hux Buga jew Baga li dan beda jgħajjat. Qal li meta waslu fil-post il-każin kien għadu magħluq. Qagħdu barra jistennewh jiftaħ. Huwa kkalkula li kien hemm bejn tletin u ħamsin ruħ fil-każintant lil każin kien mimli nies. Alkoħol kien xorob f'dik l-attivita' li kien hemm fil-każin, imma kien bil-qiegħda fuq sufan faċċata tal-bar. Jispjega li bejn is-sufan u l-bar hemm *billiards table*. Herbert Vassallo ma kienx jaf jgħid min hu. Xehed li dakinhar ta' l-inċident kienet l-ewwel darba li daħal fil-każin tal-Partit Laburista. L-attur qal li huwa mill-Marsa. Huwa ċaħad li ċċelinġja lil xi nies għall-ġlied (dan qalu fir-rigward ta' dak li jidher li qal Herbert Vassallo fl-istqarrija li ta lil Pulizija).

Speja li inqala argument bejn zijuh Alfio Attard u wieħed mill-persuni li kienu qed jakkumpanjaw il-grupp ta' Kenneth Micallef. Imma l-argument ikkalma u anke spiċċaw il-litiganti jieħdu drink flimkien. Igħid li sussegwentement dawn iż-żewg ġuvintur daru għal zijuh Alfio. Kien

[4] Fol 144 et seq

f'dak il-mument li hu qam minn fuq is-sufan biex imur iferraqhom u jiġbor lil zijuh Alfio mill-art. Qal li kien f'dak l-mument lid D.J. beda jgħajjat il-laqam ta' dil-persuna li hu sa dak iż-żmien ma kienx jaf min hi. Spiċċa qalagħha hu. Hu kien bil-wieqfa.

L-attur żid jgħid li dak iż-żmien hu ma kienx qed jaħdem iżda kien lesta kors biex iun *tug-master* ġewwa l-Freeport. Anka *tag* qal li tawh. Kien qiegħed jistenna sempliċiment telefonata biex jagħtuh id-data meta kien ser jibda jaħdem. Qabel ma kienx jirreġistra. Huwa kellu xogħol part time fit-tibjid.

2. Xehdet **Lorraine Attard Luck, mart l-attur**[5], li ma kinitx preżenti fil-każin waqt l-inċident qalet li saret taf x'ġara mingħand il-Pulizija u meta marret l-isptar qalulha li żwġha kien fil-periklu tal-mewt. Hija tat dettalji dwar il-qagħda ta' żewġha fil-perjodu li kien l-isptar inkluż l-interventi mediċi li kellu jgħaddu minnhom u qalet ukoll li wara li ħareġ minn hemm għamel xi xahar ieħor l-isptra Karin Grech għat-terapija. Ix-xhud qalet li għalkemm l-attur għamel progress u llum il-ġurnata huwa aħjar milli kien, pero' għadu jbati minn diversi problemi kawża tal-inċident inkluż li ma jistax jerfa' oġġetti tqal, uġiegħ ta' ras u ma jistax jimxi distanzi twal.

In **kontro-eżami**[6] hija qalet fost oħrajn li llum il-ġurnata żewġha ma' jagħmel xejn bħala xogħol u jqatta' l-ħin tiegħu d-dar.

3. Xehed **Alfio Attard, iz-ziju tal-attur**[7]. Qal li dakinhar tal-inċident huwa kien qiegħed il-każin tal-Labour ġewwa r-Rabat, Malta. Huwa kien flimkien ma' l-attur, u ma' mara jisimha Shirley u kienu qegħdin jixorbu. Qal li fil-każin kien hemm ħafna nies. Ftakar li kien hemm tnejn jew tlieta min-nies li ġabu drink, da

[5] Affidavit a fol 33 et seq
[6] Fol 145 et seq
[7] Fol 51 et seq

parti tiegħu rreċiproka dan. Huma aċċettaw, imbagħad skambjaw fis-sens illi ġabulhom drink ukoll. Dawn in-nies sar jafhom l-ewwel darba hemm ġew. Kien hemm il-mużika għaddejja fil-każin. It-tfajla tiegħu Shirley bdiet tiżfen, f'ħin minnhom weħidha u f'ħin minnhom mal-kumpanija li kien hemm.

Spjega li wieħed minn dawk li ġabilhom drink mbuttaha ċioe' lil Shirley bi spallejh. Hu qallu lil dan ir-raġel "mhux hekk". L-ieħor qalli "skużani ta'", u x-xhud wieġbu "ma gara xejn". L-ewwel darba li rah lil dan ir-raġel, kien fil-każin. Wara xi erba' minuti, ħames minuti qamet konfużjoni sħiħa. Daru kollha għalihom u wara ftit huwa sab ruħu mal-art. Ma jafx kemm kien hemm in-numru ta' nies illi daru għalihom. Sal-ġurnata tal-lum qal li għadu ma jafx għalfejn daru għalih u għal sħabi u spekula li forsi daħlet l-għira għax rawhom jieħdu pjaċir.

Dakinhar huwa xorob il-whiskey iżda kien jaf x'qiegħed jagħmel. Insista li ma hedded lil ħadd dakinhar u lanqas ma sema' lil Ivan Attard jhedded lil xi ħadd. Ma ftakarx jekk imbuttahx xi ħadd minn wara jew kienx refa' jdejh fuqu. Pero` ftakkar li daqqiet kien qala ħafna. F'din il-konfużjoni, waqt li kien għadu bilwieqfa, ra persuna raġel ta' statura kbira ġej fid-direzzjoni tagħhom irrankat. X'għamel wara ma jafx.

Spjega lid-daqqiet li qala' ġraw waqt li kien fl-art. Insista li daqqiet huwa ma tax u lanqas lil Ivan ma rax xi gralu u ma rahx jagħti daqqiet. Sab ruħu barra mill-każin u ra lill-attur fuq il-bankina mixħut mal-art quddiem il-każin. Ipprova jqajjem lil Ivan iżda dan qallu li ma felaħx iqum. Sakemm qasam it-triq biex iġib il-vann, reġgħu daru għalih u għal Shirley.

F'dak il-ħin waslu l-pulizija tal-*mobile* fuq il-post. Ġiet ambulanza fuq il-post u ħadet lil Ivan l-isptar. Igħid li stante li anke huma kienu mweġġgħin marru l-isptar ukoll għalkemm ma żammewhomx hemm. Meta kienu l-isptar qalulu li Ivan qiegħed fil-periklu tal-mewt. Nies fil-każin kien hemm ħafna. Il-persuna li

qabel irrifera għaliha li hu raġel ta' statura kbira u li ra dakinhar ġej fid-direzzjoni tiegħu għarfu bħala l-konvenut li kien qiegħed preżenti fl-Awla waqt ix-xhieda.

Ix-xhud jaħseb l-iktar li qala' kien meta sab ruħu mal-art. Ma setax jgħid illi lilu l-konvenut sawtu. Mistoqsi jekk rahx isawwat lill-attur, ix-xhud qal li ma rahx. Lanqas lil Shirley ma rah isawwatha. Ma rah isawwat lil ħadd. Lill-konvenut l-ewwel darba li rah kien meta rah ġej fid-direzzjoni tagħhom it-tlieta. Meta rah ġej fid-direzzjoni tagħhom, kienet diġa' inqalgħet il-kommozzjoni. Huwa kkonferma li dawk it-tlieta li lilhom xtrawlhom id-drink, żgur li daru għalihom. Kien hemm grupp sħiħ ta' nies. Ma setax jgħid kemm-il wieħed pero` kien hemm numru ta' nies. Huwa la sema' lil Shirley u lanqas lil Ivan jgħaddi xi kumment lil xi ħadd li kien preżenti f'dan il-party.

Mistoqsi mill-Qorti x'seta' wassal biex inqala' dan l-inċident, huwa qal li żewġ raġunijiet seta' jkun hemm - jew għax kienu qegħdin jgħiru għalihom għax jafu jieħdu pjaċir jew għax ġibed l-attenzjoni lil wieħed minn dawn it-tlieta għall-fatt illi rah jagħti daqqa bi spallejh lil Shirley. Igħid li huwa ma ra lil ħadd jagħti fastidju lil Shirley. Huwa ra biss id-daqqa ta' spalla li semma'. Ix-xhud insista li la hu u lanqas Ivan ma taw fastidju lil ħadd.

4. Xehdet l-**Ispettur Sarah Magri**[8] li kkonfermat illi fid-data tal-inċident mertu tal-kawża hija kienet l-Ispettur responsabbli mid-distrett tar-Rabat. Hija spjegat li daħal rapport li kien hemm ġlieda fil-każin tal-Labour tar-Rabat. Intbagħtu pulizija mill-Mobile Squad biex jaraw x'kien qiegħed jiġri eżatt. Meta waslu hemmhekk sabu li kienu għadhom għaddejjin xi argumenti. Dan kollu ġara għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħaxija.

[8] Fol 54 et seq

Fuq il-post, il-pulizija preżenti sabu lil Ivan Attard. Dan kien raġel mitluf minn sensih. Pero` ma kellux dmija skont ma rrappurtaw il-pulizija. Fil-fatt fil-bidu ħasbu li qiegħed fis-sakra. Madankollu xorta sejħu ambulanza fuq il-post. Ittieħed Mater Dei fejn ġie ċċertifikat li jinsab fil-periklu tal-mewt. Fil-fatt il-Maġistrat Audrey Demicoli ordnat il-ftuħ ta' inkjesta dwar dan l-inċident u nħatru diversi esperti.

Billi hija kienet responsabbli mid-distrett, tgħid li ħadet over l-investigazzjoni. Kienet bagħtet għan-nies illi jiġġestixxu l-bar tal-każin tal-Labour Maria Vassallo u Herbert Vassallo. Kull persuna illi nterrogat tathom it-twissija u tathom l-opportunita` li jitkellmu ma' avukat qabel. Kien anke daħal f'dan il-każ l-Ispettur Stephen Saliba peress li dan kien perjodu li fih kienet ġejja l-elezzjoni. Żiedet li llum l-Ispettur huwa mejjet.

Mill-investigazzjoni li għamlu rriżultalhom li Ivan Attard dakinhar kien flimkien ma' ċertu Alfio Attard, Emanuel Farrugia u Shirley Camilleri u li dawn in-nies kienu tal-ewwel li waslu fil-każin tar-Rabat. Dakinhar kien hemm *mass meeting* ġewwa n-Naxxar u dawn il-persuni kienu ordnaw fliexken tal-whiskey.

Irriżultalha li Shirley Camilleri kienet bdiet tiżfen u bdiet ukoll tittanta lil xi rġiel li kienu fil-każin tant li lil ċerta Maria Vassallo, li kienet qiegħda tmexxi l-bar dakinhar, saħansitra kien hemm xi nies li ġibdulha l-attenzjoni biex tmur tgħid lil Shirley sabiex tibdel l-atteġġjament tagħha. Irriżultalha li din Shirley bdiet tittanta lil wieħed mill-irġiel, jgħidulu bil-laqam il-Kakku, u ttantat anke lil ħuħ.

Spjegat li ġara li Alfio kien ser iwaddab xi fliexken lil dawn l-aħwa. Kien hemm xi nies li kienu sħab dawn iż-żewġt aħwa li intervjenew biex jikkalmaw is-sitwazzjoni. Id-DJ beda jgħajjat l-isem tal-konvenut Kenneth Micallef magħruf bħala l-Buġa għaliex kienu jafu li kien jagħmel xi żmien jaħdem bħala *security*. Micallef kien intervjena. Mill-istqarrija illi x-xhud ħadet lil Kenneth Micallef, dan qal illi kien daħal biex iferraq u l-iktar li seta' għamel kien li ta daqqa ta' ħarta

lil Ivan Attard. Skont ma qalilha Kenneth Micallef, dan beda jżomm lil dawn iż-żewġt aħwa mentri kien hemm nies oħra illi ħarġu lil dawn it-tlett persuni ċioe` l-attur, Alfio Attard u lil Shirley 'il barra mill-każin.

Ix-xhud semgħet ukoll il-verżjoni ta' Herbert u Mario Vassallo. It-tnejn li huma qalu illi raw lil Kenneth Micallef jaqbad lil Ivan Attard u jtih fuq rasu. Tgħid li kienet hi li resqet il-Qorti lil Kenneth Micallef ma nies oħra. Hija kienet ġiet infurmata li minħabba l-ġrieħi li sofra l-attur għamel żmien twil Mater Dei u llum-il ġurnata għadu ma rkuprax mija fil-mija.

Ix-xhud qalet li fil-proċeduri kriminali li nstemgħu quddiem il-Maġistrat Scerri Herrera, meta xehdu Maria u Herbert Vassallo biddlu l-verzjoni minn dik illi taw lilha meta hija kienet għaddejja bl-investigazzjoni. Lil Herbert u Maria Vassallo haditilhom stqarrija. Din ġiet esebita fil-proċeduri kriminali li fl-epoka kienu għadhom pendenti. Fil-kors tal-investigazzjoni immexxija mix-xhud, Maria u Herbert Vassallo qalulha illi kienu raw lil Micallef Kenneth, il-konvenut, isawwat fuq rasu lill-attur. Il-ġlieda bdiet fuq mara. Shirley bdiet tittanta lil dawn iż-żewġt irġiel. Din Shirley kienet ma' Alfio Attard tant li dan

74 ma ħax gost b'dak li kien qed jiġri. Kienu l-aħwa, dawn iż-żewġ irġiel li lix-xhud qalulha illi Alfio Attard kien ser iwaddab il-fliexken tal-Heineken.

Xehdet li kienet ħadet stqarrija anke lil Alfio Attard. Lil Ivan Attard ma setgħetx toħodlu stqarrija għax għamel żmien twil rikoverat l-isptar. Meta x-xhud ħadet l-istqarrija lil Shirley Camilleri din bdiet tinnega illi hi ipprovokat dan l-inċident meta kienet qiegħda tagħti fastidju lil dawn iż-żewġ ġuvintur. Kienu l-aħwa Farrugia illi semmew din li Shirley bdiet tipprovokahom u li Alfio Attard irreaġixxa. Mill-investigazzjoni li kompliet tagħmel ix-xhud irriżultalha li l-inċident kompla barra l-każin. Ix-xhud ma kinitx taf jekk Ivan Attard kienx issawwat ukoll diment li kien barra mill-każin. Li taf hu li mit-tagħrif li ġabret mingħand dawk li kienu preżenti, fuq barra kien hemm tgeġwiġija.

Ix-xhud ikkonfermat li l-uniċi persuni li qalulha illi raw lil Kenneth isawwat lil Ivan fuq rasu kienu Maria u Herbert Vassallo. Rawh isawtu bil-ponn. Kenneth Micallef kien semmielha wkoll illi fuq barra kien ra persuna oħra liebes qmis sewda jsawwat lil Ivan Attard, persuna li skont ma' qalilha Kenneth kellu tpinġija. Waslu li dan seta' kien ċertu Sylvester Zahra. Arrestawh. Pero, peress li fl-investigazzjoni ma' rriżultalhix dak li allega Kenneth Micallef, ix-xhud ma kinitx f'pożizzjoni tieħu proċeduri kriminali kontra dan Zahra. Għamlet konfront bejn Kenneth Micallef u Sylvester Zahra fl-uffiċċju tagħha. Fil-fatt Kenneth Micallef stqarr quddiemha illi ma kienx dan Zahra li kien sawwat lil Attard. Kenneth Micallef ma qalilha bl-ebda isem ta' persuna oħra li sawtet lil Ivan Attard.

Skont l-aħwa Farrugia, Alfio Attard kien waddab xi fliexken. Ix-xhud ikkonfermat ukoll illi meta hija daħlet fil-każin sabet ħġieġ fl-art. Lix-xhud irriżultalha wkoll li fil-ħin tal-inċident kien hemm madwar ħamsin persuna ġo dan il-każin. Dan il-każin hu ta' qies imdaqqas u fil-ħin tal-inċident kien qed isir disco hemm ġew.

Xehdet illi Alfio Attard, Leli Farrugia u Shirley Camilleri ukoll kellhom xi ġrieħi. Qalet li Emanuel Farrugia qalilha li kien fi stat ta' sakra u li ma kienx jiftakar fil-fatt x'ġara. Alfio Attard qalilha li kien hemm tgeġwigija sħiħa u ma kienx f'pożizzjoni jgħid eżatt x'ġara fil-kazin u li kien intefa' 'l barra mill-każin minn xi nies. Shirley kienet semmietilhom li Maria Vassallo li tmexxi l-bar u Kimberly Vassallo, it-tifla tagħha, bdew jiġbdulha xagħarha. Fil-fatt il-pulizija kienet anke ressqet lil dawn it-tnejn il-Qorti pero` imbagħad din kienet irrinunzjat għall-kwerela.

Ix-xhud qalet li qatt ma kellha l-opportunita` li tintervista lil Ivan Attard. Dan eventwalment kien xehed quddiem il-Maġistrat fil-każ kriminali.

F'**xhieda viva voce**[9] hija kompliet tagħti dettalji ta' dak li seħħ dakinhar tal-inċident. Fost oħrajn qalet li l-konvenut kien ikkonferma li ta daqqa lil Ivan Attard imma wara ħallih (mhux minxur mal-art). Kienu s-sidien tal-bar Herbert u Maria Vassallo li lill-ispettur qalulha li l-attur qala' ammont ta' daqqiet mingħand il-konvenut. Qalulha li kien hemm mument meta l-konvenut żamm lill-attur bejn saqajh u beda jagħtih f'rasu. Waqt l-inkjesta it-tnejn li huma kienu kkonfermaw dak li qalu fl-istqarrija u għalhekk din ġiet dikjarazzjoni ġuramentata. Iżda waqt il-kumpilazzjoni dawn biddlu l-verżjoni u qalu li ma kinitx il-verita' li qalu. Tgħid li huma qalu li taw dik il-verżjoni għax kienu mbeżżgħin mill-Pulizija. Madankollu x-xhud qalet li meta dawn iż-żewġ persuni rrilaxxjaw l-istqarrija hija kienet fil-preżenza ta' Spettur ieħor u qatt ma għamlu rapport kontrihom dwar dan. Ix-xhud ċaħdet li l-pulizija qatt werwrithom lilhom. Ix-xhud qalet li Herbert u Maria Vassallo kienu jafuh lil Kenneth Micallef u ma rriżultax li kellhom kwistjonijiet bejniethom anzi pjuttost kienu jmorru tajjeb ma' xulxin.

5. Xehed **Dr Anthony Galea Debono, il-perit mediku mqabbad mill-Qorti**, li kkonferma bil-ġurament tiegħu ir-rapport imħejji minnu[10]. Huwa kkonferma li l-attur, Kenneth Micallef, kien qed ibati minn forma ta' puplesija. B' riżultat tad-daqqiet li soffra l-attur saritlu ħsara fil-moħħ li kellha diversi konsegwenzi fuq il-kwalita' ta' ħajtu inkluż nuqqas ta' sensazzjoni fuq in-naħa tax-xellug ta' persuntu. L-espert kompla jispjega li l-attur għandu problema biex jimxi fit-tul u għandu nuqqas ta' sensazzjoni f'idu tal-lemin tant li eżempju jsib diffikulta' biex jista' jaqfel buttuna. Mistoqsi jekk l-attur qallux x' kien jagħmel bħala xogħol qabel ma seħħ dan l-inċident, ix-xhud qal li ma staqsihx u l-attur ma qallux, b'hekk kif il-ġrieħi jistgħu jkunu qed jaffettwaw ix-xogħol ta' l-attur huwa wieġeb li dan kollu jiddependi mit-tip ta' xogħol li kellu jew li ghandu. L-

[9] Fol 155 et seq
[10] Fol 136 et seq

eżami kliniku sar f'okkażjoni waħda. Spjega lil problemi li kellu l-attur huma affarijiet komuni meta wieħed ikollu *head injuries*. Fil-każ odjern il-problemi kienu aktar akuti għax il-pazjent kellu frattura u inġema' ammont ta' demm fuq in-naħa ta' wara tal-moħħ u dan wassal għal ħtieġa li ikun hemm intervent kirurgu. Mistoqsi mill-Qorti jekk il-kundizzjoni medika tal-attur hux mistennija li titjieb l-espert qal li meta tikkunsidra id-data ta' meta seħħ l-inċident, u d-data meta huwa eżaminah, is-sitwazzjoni ma kinitx mistennija li tiġi 'l quddiem.

6. Xehed **il-konvenut Kenneth Micallef**[11] li qal li fis-17 ta' Frar 2013 kien miftiehem ma' Christian Gauci u Nicholas Gauci u ħbieb oħra tagħhom biex jattendu l-*mass meeting* tal-partit Laburista. Iżda minħabba raġunijiet familjari spiċċa ma marx. Madankollu aktar tard dakinhar ċemplulu sħabu u qalulu biex imur sa ħdejhom fil-każin tal-Labour ġewwa r-Rabat u hu hekk għamel. F'xi ħin daħlu tlett irġiet u żewġ nisa, wieħed minnhom l-attur. Huwa qatt ma kien rahom qabel. Il-konvenut u sħabu kienu ħdejn il-*billiards table* u ħin minnhom kien hemm Christian quddiemu u ħuħ lil hemm u Alfio ġie minn wara u kellem lil Christian. Hu ma kienx jaf x'qallu għax kien il-bogħod minnhom. Ġie mbagħad l-attur u qabad lil zijuh minn idejh u ħadu lura. Ivan kellem lil Christian u qallu biex lil Alfio ma jagħtix kasu għax kien fis-sakra.

Huwa kompla jgħid li kien hemm waħda warajhom qed tiżfen fuq il-billiard u wara sar jaf li dan Alfio kien qal lil Christian li kien qed jittantantaha. Il-konvenut qal li fl-ebda ħin ma ra lil sieħbu jittanta lil din it-tfajla. Huwa qal li wara li Alfio kien mar lura f'postu reġa mar bi flixkun biex jagħti lil Christian fuq rasu. Ħu Christian, Nicholas imbotta lil Alfio, waqa' mal-art u miegħu waqa' l-attur. Ivan u Alfio qamu mill-art u qabdu flixkun minn mal-art, Ivan Attard ġie fid-direzzjoni tiegħu u l-ieħor fid-direzzjoni tal-aħwa. Il-konvenut qal li l-flixkun li kellu f'idejh Ivan kissru fuq il-billiards u mar biex isawwat lill-konvenut bih. Il-konvenut minn

[11] Fol 312 et seq

naħa tiegħu qal li huwa tajjar il-flixkun minn idejn Ivan u mbuttah. Christian ġibed lill-konvenut minn wara u qallu biex iħallihom. Kompla jispjega li f'dak il-ħin in-nies ħarġu 'l barra lill-klikka tal-attur. Qal li l-attur ħareġ fuq saqajh u baqa' joffendi lill-konvenut sal-bieb ta' barra. Lill-konvenut ġibduh lura u ħaduh fejn kien hemm Christian u Nicholas ma' tieqa u ħarġu mill-bieb tal-ġenb. Kif kienu ħerġin minn dan il-bieb bdew jisimgħu il-ħġieġ jinkiser għax baqgħu jiġġieldu barra. Huwa spjega li sa qabel ma bdiet il-ġlieda kien għaddej party fil-każin.

In **kontro-eżami**[12] huwa baqa' jinsisti fuq din il-verżjoni tal-fatti u qal li l-flixkun li kellu f'idejh l-attur kien aħdar, forsi tal-Heineken. Huwa ċaħad il-verżjoni suġġerita lilu mid-difensur tal-attur li skont xhieda oħra il-konvenut issossa lill-attur u sabbtu ma' magna tas-sigaretti. Huwa tenna li tajjarlu l-flixkun minn idejh u mbuttah fuq coffee table. Huwa qal li għalkemm kien jagħmel xogħol ta' bouncer ġewwa Paceville, dakinhar ma kienx qed jagħmel dan ix-xogħol fil-każin li kienu fih.

7. Xehdu wkoll diversi persuni oħra li kienu preżenti fil-każin dakinhar tal-inċident u taw il-verżjoni tagħhom ta' dak li seħħ dakinhar tal-inċident u anke ġew esibiti numru ta' stqarrijiet li ngħataw lill-pulizija ukoll b'referenza għall-akkadut.

8. Fil-frattemp il-proċeduri kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Kenneth Micallef** quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura kriminali ġew deċiżi fis-16 ta' Ġunju 2016[13] u l-konvenut odjern Kenneth Micallef ġie liberat mill-akkużi kontrih. Ma ġie ntavolat ebda appell minn dik is-sentenza.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

---

[12] Fol 329 et seq

[13] Fol 247A

Eżaminati x-xhieda u d-dokumenti esibiti l-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet -

1. Huwa paċifiku mill-provi mressqa li nhar is-17 ta' Frar 2013 kien sar *mass meeting* mill-partit Laburista, u wara li dan intemm, l-attur flimkien ma' zijuh Alfio Attard, is-sieħba ta' zijuh (f'dik l-epoka) Shirley Camilleri, il-kuġina tal-attur Raisa Attard u s-sieħeb tagħha marru ġewwa l-każin tal-istess partit ġewwa Triq San Pawl, ir-Rabat (Malta). Din kienet l-ewwel darba li huma marru ġewwa dan il-każin. Dakinhar ukoll fil-każin kien hemm il-konvenut flimkien ma' xi ħbieb fosthom Christian u Nicholas Gauci. Irriżulta lil-konvenut ġieli kien imur ġewwa dan il-każin. L-attur ikkonferma li hu, zijuh u l-persuni li kellhom magħhom ilkoll kienu qegħdin jixorbu l-alkoħol (*whiskey*) waqt il-party li kien għaddej.

2. Huwa paċifiku wkoll li aktar tard waqt dik is-serata, qamet ġlieda fil-każin imsemmi li fiha weġġa' serjament l-attur Ivan Attard tant li għamel żmien fil-periklu tal-mewt. Dam circa xahrejn l-isptar sakemm intbagħat lura d-dar. Madankollu l-attur baqa' jbati minn diżabilita' permanenti kawża ta' dan l-inċident. L-espert mediku mqabbad mill-Qorti stabilixxa din id-diżabilita' b'rata ta' 41%. Fil-ħin li bdiet il-ġlieda msemmija, fil-każin imsemmi kien hemm numru sostanzjali ta' nies li jlaħħaq almenu 50 ruħ jew aktar.

3. Iżda dwar id-dinamika tal-inċident *per se*, mill-verżjonijiet mogħtija mill-kontendenti u nies oħrajn li kienu fil-kumpanija rispettiva tagħhom kif ukoll minn terzi li kienu preżenti fil-każin fil-ħin in kwistjoni, jirriżulta li hemm numru ta' diverġenzi fil-verżjonijiet mogħtija inkluż tal-partijiet involuti direttament fil-ġlieda.

4. Kif inhu pero' risaput fil-ġurisprudenza, dan il-kunflitt ta' provi m'għandux ikun ta' ostaklu *per se* biex il-Qorti tasal għall-ġudizzju tagħha.

Ingħad hekk fil-każ fl-ismijiet **Raymond Cauchi noe vs Michael Angelo Fenech deciz fil-15 ta` Dicembru 2015**[14]-

"***Konflitt tal-verżjonijiet***

*Fis-sentenza tagħha tal-24 ta` Marzu 2004 fil-kawża **`Xuereb et vs Gauci et`** il-Qorti ta` l-Appell Inferjuri qalet hekk dwar konflitt ta` provi fil-kamp ċivili –*

*"Huwa paċifiku f`materja ta` konflitt ta` versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn żewg prinċipji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha:*

*1) Li tagħraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista` tikkonforta xi waħda miż-żewġ verżjonijiet bħala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn oħra ; u*

*2) Fin-nuqqas, li tiġi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".*

*Ara a propożitu sentenza fl-ismijiet "**Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma**", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta` Novembru, 2001.*

*Fi kliem ieħor il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f`kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant (Kollez. Vol L pII p440)."*

*(ara wkoll: "**Bugeja vs Meilak**" – PA/TM – 30 ta` Ottubru 2003; "**Kmandant tal-Forzi Armati ta` Malta vs Difesa**" – PA/PS – 28 ta` Mejju 2003 ; "**Farrugia vs Farrugia**" – PA/CC – 24 ta` Novembru 1966)*

[14] Rik Gru Nru 1170/86

Fuq nota simili, il-Qorti qalet hekk fil-każ **Pickless Ltd vs Saviour Farrugia et deċiż fl-20 ta' Jannar 2016**[15] -

*"Fuq il-kwistjoni tal-konflitt tal-provi ingħad illi:*

*"mhux kwalunkwe' tip ta' konflitt (fil-verżjonijiet mogħtija tal-partijiet) għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' l-in dubio pro reo. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-izbalji tal-perċezzjonijiet tiegħu u għall-passjoni, huma ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha .... .... Meta l-każ ikun hekk, il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappatoja tad-dubju, imma għandha teżamina bl-akbar reqqa jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u speċjalment dwar il-konsistenza u verosomiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke' fuq il-bilanċ tal-probabilita' u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawża ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant (...) anzi', f'każijiet bħal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn verżjoni u oħra, aktar tidher il-possibilita' tal-qerq da parti ta' xi wieħed mill-kontendenti."*[16]

*Ingħad ukoll illi:*

*"fi kwistjoni ta' kredibilita' u apprezzament ta' provi l-kriterju ma huwiex jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni imma jekk l-ispjegazzjoni hix possibbli u minn awl id-dinja fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja*[17]*."*

[15] Rik 445/07

[16] **Carmelo Farrugia vs Rokko Farrugia**, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza fil-24 ta' Novembru 1 966.

[17] **Joseph Borg vs Joseph Bartolo**, Qorti tal-Appell Civili (Sede Inferjuri) fil-25 ta' Gunju 1980

*Fil-każijiet fejn il-Qorti tkun rinfaċċata minn provi konfliġġenti, il-Qorti għandha tkun gwidata minn żewġ prinċipji fl-evalwazzjoni tal-provi li jkunu ġew prodotti quddiema, u ċioe:*

*1. Li tagħraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi waħda miż-żewġ verżjonijiet bħala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn oħra; u*

*2. Fin-nuqqas, li tiġi applikata l-massima actore non probante reus absolvitur*[18].

*Fi kliem ieħor, il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosomiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, fuq preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment sufficjenti għall-konviċiment tal-ġudikant*[19]*."*

5. A skans ta' kull ekwivoku l-Qorti tissottolinea wkoll li kawżi ċivili huma separati u distinti minn dawk ta' natura kriminali inkluż u senjatament fejn jirrigwarda r-regoli ta' proċedura applikabbli għalihom fosthom il-grad tal-prova rikjesta.

Il-Qorti qalet hekk fil-każ **Nicole Mairangas vs HSBC Bank Malta plc deċiż fil-31 ta' Mejju 2006 -**

*"l-isfera ta' attivita' ordinarja tal-Qrati Ċivili u għalhekk il-ġurisdizzjoni ordinarji tagħhom hija nettament distinta minn dik tal-Qrati Kriminali, u illi dawk ma għandhomx u ma jistgħux jintromettu ruħhom fl-isfera ta' attivita' ta'*

[18] **Maria Xuereb et vs Clement Gauci et**, Qorti tal-Appell Civili (Sede Nferjuri) deciza fl-24 ta' Marzu 2004)

[19] **Joseph Vella vs Judas Taddeo sive Teddy Borg et**, Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri) deciza fis-19 ta' Mejju 2015

*dawn, ħlief jekk u fejn talvolta espressament u speċifikament awtorizzati minn xi liġi speċjali biex jeżercitaw xi funzjonijiet partikolari attribwiti lilhom u bil-proċeduri hemm ammessi" (Giuffrida vs De Gray 11/2/1967 Prim Awla) ."*

U fil-każ **Emanuele Degiorgio pro et noe vs Twanny Moon et deċiż fil-31 t'Ottubru 2007** kompliet tgħid hekk –

*"l-azzjoni ċivili hija distinta u separata minn dik kriminali, u azzjoni waħda ma tiddependix minn oħra. Il-prosegwiment ta' kawża fi tribunal wieħed m'għandux jiddependi minn x'jiġri jew ma jigrix quddiem tribunal ieħor li għandu ġurisdizzjoni u kompetenza separata u distinta."*

Dan kollu qed jingħad fid-dawl tal-fatt li fir-rigward tal-inċident in eżami kienu ttieħdu wkoll proċeduri kriminali kontra l-konvenut li l-eżitu tagħhom wassal biex huwa ġie liberat minn kull akkuża. Dak l-eżitu madankollu ma jinċidix fuq il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti fil-kawża tal-lum in kwantu dak li din il-Qorti hija msejħa biex tagħmel huwa li - fuq skorta tal-provi mressqa quddiemha - tasal għal konklużjoni **fuq bażi ta' probabilta'** dwar jekk it-talbiet tal-attur fil-konfront tal-konvenut għal dikjarazzjoni ta' responsabilta' u konsegwenti ħlas ta' danni jimmeritawx li jiġu akkolti.

6. Il-Qorti tirreferi wkoll għall-artikolu 562 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi li *"l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah."* Kif ingħad fil-każ **Joseph Tonna vs Philip Azzopardi** deċiż fit-12 ta` April 2007[20] -

[20] Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) – App Nru 503/02

*"(i) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piż tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ġġib il-prova ta` l-eżistenza tiegħu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bażi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut għas-sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta l-pretiża tal-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/ ;*

*(ii) Fil-kors tal-kawża dan il-piż jista` joxxilla minn parti għall-oħra, għax, kif jingħad, `jista jkun ġie stabbilit fatt li juri prima facie li t-teżi ta` l-attur hija sostenuta` – Ara Vol. XXXVII/i/577;*

*(iii) Il-ġudikant adit mill-meritu tal-każ hu tenut jiddeċiedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta li d-deċiżjoni tiegħu tiġi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jiġifieri, minn dawk iċ-ċirkustanzi tal-fatti dedotti għab-bażi tad-domanda jew ta` l-eċċezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piż tal-provi ssir bażi tar-regola legali tal-ġudizzju `n kwantu timponi fuq il-ġudikant l-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru għax mhux ippruvat;*

*(iv) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-prinċipju tal-konvinċiment liberu tal-ġudikant. Lilu hu mogħti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-riżultanzi probatorji w allura hu liberu li jibbaża l-konvinċiment tiegħu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli w idoneji għall-formazzjoni tal-konvinċiment tiegħu."*

7. Ferm il-premess il-Qorti tirrileva li mill-assjem tax-xhieda mressqa, il-ġlieda rat il-bidu tagħha minħabba l-komportament tal-x sieħba ta' Alfio Attard, meta hija u tiżfen ittantat lil xi rġiel li kienu fil-każin fosthom l-aħwa Christian u

Nicholas Gauci. Alfio jidher li ntervjena b'mod pjuttost aggressiv versu dawn l-aħwa tant li minn dak li xehdet anke l-ispettur Sarah Magri, dejjem minn kif irrizultalha mill-investigazzjoni tagħha, huwa kien ser iwaddbilhom xi fliexken. Tajjeb jingħad ukoll li għalkemm l-attur u zijuh jiċħdu li kienu fis-sakra, ammettew li kienu xorbu l-alkoħol u dan mhux fi kwantitajiet żgħar.

8. L-attur innifsu ftit li xejn jiftakar minn dak li seħħ mill-inċident; ħaġa plawsibbli tenut kont il-fatt li huwa ntilef minn sensih kawża tad-daqqiet li qala' f'rasu. Madankollu ma jistax ma jiġix osservat *in primis* dikjarazzjonjiet kontradittorji li huwa għamel fil-konfront tal-konvenut. Fix-xhieda li ta *viva voce* quddiem il-Qorti fit-28 ta' Marzu 2014[21] huwa l-ewwel qal b'konvinzjoni li l-konvenut –

*"għollieni 'l fuq, ħabbatni mal-kaxxa tas-sigaretti, beda jtini bil-ponn f'rasi. Jien intlift minn sensija."*

Iżda in kontro-eżami[22] ammetta mod ieħor meta qal –

"*Lil Kenneth Micallef jien ma rajtux preżenti qabel ma seħħ dal-inċident u nikkonferma ukoll li lanqas fl-inċident ma rajt lil Kenneth Micallef. Nispjega ukoll li dakinhar kien hemm ħafna nies il-każin. Lil Kenneth Micallef ma rajtux ma tajtx każ.* ***Jien ma nafx min kienet il-persuna li ħabbtitni mal-kaxxa tas-sigaretti."***

8. Lanqas Alfio Attard, iz-ziju tal-attur, ma kien f'qagħda li jipponta subgħajh lejn il-konvenut bħala l-persuna li għandha twieġeb għad-diżabilita' permanenti tal-attur. Infatti waqt ix-xhieda tiegħu tal-31 t'Ottubru 2014 qal hekk -

[21] Fol 37 et seq
[22] Seduta tal-15 t'April 2015 a fol 144 et seq

*"Lil Ivan ma rajtx xi ġralu, ma rajtux jagħti daqqiet. F'dik il-konfużjoni kollha ma rajtux jaqla' daqqiet."*

Mistoqsi speċifikatament dwar il-konvenut, Alfio xehed li ra lill-konvenut sejjer fid-direzzjoni tagħhom iżda huwa ma rahx isawwathom (inkluż lill-attur). Anzi ammetta li meta ra lill-konvenut sejjer lejhom il-kommozzjoni kienet diġa' qamet u kien hemm diġa' persuni oħra li qegħdin isawwtuhom -

*"Ma nistax nghid illi lili l-konvenut sawwatni.* ***Mistoqsi jekk rajtux isawwat lill-attur, nghid ma rajtux****. Lanqas lil Shirley ma rajtu jsawwat.* ***Ma rajtu jsawwat lil ħadd.*** *Lill-konvenut din kienet l-ewwel darba li rajtu. Dakinhar waqt li konna qegħdin f'dan il-party lill-konvenut ma rajtux. L-ewwel darba li rajtu kien meta rajtu ġej fid-direzzjoni tagħna t-tlieta.* ***Meta rajtu ġej fid-direzzjoni tagħna, kienet diġa' inqalgħet il-kommozzjoni, daru għalina oħrajn****. Nikkonferma illi dawk it-tlieta li lilhom xtrajnilhom id-drink, żgur li daru għalina.* ***Kien hemm grupp sħiħ ta' nies. Ma nistax nghid kemm-il wieħed pero` kien hemm numru ta' nies****."*

9. Kif ammess mill-ispettur investigattiv Sarah kienu biss tnejn minn nies li oriġinarjament indikaw lill-konvenut bħala dak li sawwat lill-attur fuq rasu, u li a bażi tas-senjalazzjoni tagħhom fl-istqarrijiet li rrilaxxjaw waqt l-investigazzjonijiet, il-pulizija kienet ressqet lill-konvenut il-Qorti. Dawn kienu Herbert Vassallo, il-barman tal-każin in kwistjoni u martu Maria. Preċiżament Herbert Vassallo fl-istqarrija tiegħu lill-pulizija, u li sussegwentement anke ġiet guramentata, kien qal li ra lill-konvenut odjern jagħti daqqiet ta' ponn ġo ras l-attur. Minn naħa tagħha, martu Maria qalet li rat lill-attur għarkubbtejh quddiem il-konvenut fejn dan ta' l-aħħar kien qed jagħmel xi mossi b'idejh, madankollu hija ma setgħetx tara eżatt dawn il-mossi x'kienu għax dan kellu dahru lejha. Iżda kif irriżulta mill-provi u kif anke rrikonoxxiet l-istess spettur Magri, dawn biddlu l-verżjoni aktar minn darba quddiem il-Qorti ta' Ġudikatura kriminali u

sussegwentement ċaħdu l-verżjoni li taw fil-bidu rigwardanti l-konvenut u nsistew li ma kinux rawh isawwat lill-attur f'rasu. Huma baqgħu isostnu din l-aħħar verżjoni quddiem dik il-Qorti. Notevolment il-Qorti tal-Maġistrati stess fil-proċeduri kriminali kontra l-konvenut kienet ikkummentat hekk -

*"M'hemmx dubju, kif ġie rapportat aktar 'il fuq, ix-xhieda li ressqet il-Prosekuzzjoni, mhiex xi waħda attendibbli u dan għaliex kien hemm diversi okkażjonijiet fejn xhud imeri lilu nnifsu, partikolarment sid il-bar Herbert Vassallo, li xehed tliet darbiet u jagħti tliet verżjonijiet ta' dak li kien ġara."*

Nonostante l-fatt li l-grad tal-prova fil-proċeduri ċivili odjerni huwa inqas minn dak fil-proċeduri kriminali, din il-Qorti xorta, lanqas fuq bażi ta' probabilta' ma hija f'qagħda li tasal għal konklużjoni differenti minn dik tal-Qorti Kriminali dwar ix-xhieda ta' Herbert u Maria Vassallo. Fil-fatt, anke quddiem din il-Qorti fil-kawża odjerna, dawn il-konjuġi reġgħu qalu bil-ġurament li huma ma rawx lill-konvenut isawwat lill-attur fuq rasu.

**U l-attur b'ebda mod baqa' ma ġab prova oħra li tpoġġi f'dubju dak li ngħad minn dawn iż-żewġ xhieda <u>quddiem din il-Qorti</u>.**

10. Minn naħa l-oħra hemm ix-xhieda tal-konvenut li baqa' dejjem isostni l-verżjoni li hu aġixxa b'difiża meta ra lill-attur sejjer lejh bi flixkun imkisser u mbuttah. Huwa qal hekk waqt ix-xhieda tat-3 ta' Marzu 2017 –

*"Xhud : Nicholas inqala' hekk minn quddiemna u imbotta lil Alfio, waqa' mal-art u miegħu waqa' Ivan. Ivan u Alfio qamu minn mal-art u qabdu l-flixkun minn mal-art , wieħed ġie fid-direzzjoni tiegħu u l-ieħor fid-direzzjoni tal-aħwa.*

*Dr Abela : min ġie fid-direzzjoni tiegħek ?*

*Xhud : Ivan.*

*Dr Abela : U x' għamel?*

*Xhud : Kellu flixkun tal-Heineken u peress li rani qed nitkellem magħhom, ħaseb li ħa niġġieled jien jew xi ħaġa.*

.....

*Xhud : Hu wasal maġenbi…*

......

*Xhud : Kellu flixkun f'idejh kissru fuq il-billiard u ġej isawwatni bih.*

.....

*Dr Abela : Inti x'għamilt meta rajt hekk ?*

*Xhud : Xħin rajtu ġej bil-flixkun f' idejh iddefendejt ruħi.*

*Dr Abela : B' liema mod ?*

*Xhud : Tajjartlu l-flixkun minn idejh u imbuttajtu. Ġie bil-qiegħda fuq coffee table, imbotta dil-coffee table , qam għalija , beda joffendini, u beda jgħidli impattijilek.*

*Dr Abela : Sa dak il-mument, l-intervent tiegħek fil-konfront ta' Ivan Attard fiex kien jikkonsisti eżattament ?*

*Xhud : Tajjartlu l-flixkun minn idejh u imbuttajtu.*

*Dr Abela : Sa hemmhekk biss. X' ġara wara?*

*Xhud : Qabadni Christian lili minn wara, ġibidni lura u qalli ħallijom . beda joffendini lili hu..*

*Dr Abela : Hu min ?*

*Xhud : Ivan. In-nies daru magħhom u ħarġuhom ' il barra. Ħareġ fuq saqajh u lili baqa' joffendini sal-bieb ta' barra jiġifieri, hemm bieb , baqa' joffendini sa hemm. Lili ġibduni lura, u ħaduni fejn kien hemm Christian u Nicholas ma' tieqa u ħriġna mill-bieb tal-ġenb.*

.....

*Xhud : Jien ħriġt mill-bieb tal-ġenb, jien , Christian u Nicholas u it-tfajliet tagħhom, mort għall-karozza tiegħi u startajt l-karozza, kif appena tlaqt ġew il-Pulizija u l-ġlied barra kien għadu għaddej."*

11. Din il-verżjoni ġiet korroborata mill-aħwa Gauci li kienu viċin il-konvenut meta bdiet il-ġlieda.

12. **Fid-dawl tas-suespost hija l-fehma tal-Qorti li, fin-nuqqas ta' prova attendibbli kuntrarja u fuq bażi ta' probabilta', hija l-verżjoni tal-fatti kif ingħadet mill-konvenut li hija dik l-aktar attendibbli fiċ-ċirkustanzi b'dana li l-eċċezzjonijiet tiegħu jimmeritaw li jiġu akkolti u għalhekk it-talbiet tal-attur ma jistgħux jintlaqgħu.**

13. Ma dan il-Qorti żżid li huwa konċess li, fil-kors tal-konfużjoni li kien hemm waqt din il-ġlieda bejn diversi persuni l-konvenut ta xi daqqa lill-attur, fatt ammess mill-konvenut stess mal-pulizija waqt l-interrogazzjoni. Iżda ma ġiex ippruvat mill-attur, lanqas fuq bażi ta' probabilta', li kienet dik id-daqqa mogħtija lilu mill-konvenut li kkawżatlu d-diżabilita' permanenti li tagħha qed jitlob id-danni fil-kawża odjerna. Manka hawn dak in-ness neċessarju bejn l-azzjoni u l-effett dannuż riżultanti.

14. Il-Qorti tkompli tosserva li ma kienx biss il-konvenut li qal li meta l-attur kien qiegħed jinħareġ 'il barra kien għadu f'sensih (tant li baqa' joffendi lill-konvenut). Fil-proċeduri kriminali, x-xhud Maria Vassallo mistoqsija in kontro-eżami jekk taqbilx li l-attur ħareġ b'saqajh minn ġol-każin wara li bdiet dan il-kommozzjoni, qalet li *"taħseb li iva, ħareġ għax imbuttawh. Ikkonkludiet li ma rat lil ħadd ħiereġ fuq l-idejn."* Anke Alfio Attard, iz-ziju tal-attur, xehed li l-attur, meta kienu ġew mitfugħa barra, kien għadu f'sensih, tant li għalkemm kien mal-art kellmu u qallu li ma jiflaħx iqum. Jidher li l-attur intilef minn sensih ftit wara, f'liema stat sabuh il-pulizija meta waslu. Iżda tenut kont ir-rissa li bdiet ġewwa l-każin fejn irriżulta b'mod ċar li kien hemm diversi persuni nvoluti fil-ġlieda u fejn allura l-attur ma ntilifx minn sensih ġewwa l-każin iżda **barra fejn kompliet il-ġlieda <u>u fejn il-konvenut ma kienx preżenti</u>** ma jistax jinstab ness bejn l-aġir tal-konvenut u l-ħsara permanenti li l-attur issubixxa f'saħħtu.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tiċħad it-talbiet tal-attur bl-ispejjeż kontra tiegħu.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**